## IL-MERĦLA TAL-BNEDMIN

*Ta'* PAWLU AQUILINA

Għajjiena l-merħla l-lum, rasha mitluqa,
Tonfoħ u tilheġ qiegħda tnin kuljum......
Bil-ġuħ, bil-għatx, bla kenn mix-xemx, mix-xita;
Tkaxkar riġlejha tterraq għall-irdum.

Għaddejja, tqila, b'nifs il-mewt ġo fommha,
Taqsam il-blat misnun, ix-xewk, l-għolliq;
Tinżel u titla' mal-widien, mal-għolja,
Tfittex bil-ħerqa, bla ma ssibha, it-triq.

U l-ikel tagħha sefa x-xewk iniggeż,
Il-ħaxix xieref kollu ward l-imrar;
Ix-xorb sefagħlha l-ilma qiegħed, jinten,
Jew kollu tajn, imsewwaq mill-għargħar.

Tilfitha, imsejkna, it-triq bla ħofor, watja,
It-triq moħbija għall-kenn ta' qalb l-għoljiet;
Fejn hemm il-mergħa tħaddar ta' tfulitha,
Fejn hienja, qalb il-ward, kienet trabbiet......

Fejn bnina u ratba l-ħdura, safi l-ilma
Li taha l-ħajja. Fietla x-xemx kuljum.
Hanina x-xita. Tfawwar in-nixxiegħa
Is-saħħa safja tal-blatiet tar-rdum.

U r-ragħaj ħallietu jiġri wrajha, isejjaħ......
Fil-baħħ tax-xagħri, qalb l-għoljiet żonqrin.
Quddiem qed timxi hi...... fiċ-ċpar, fid-dalma,
Fejn forsi sfaw uliedha mitlufin!



## MILL-QAMĦA GĦALL-ĦOBŻA

*Ta'* PATRI Ġ. MEILAK

*(Jaqbad man-Nru. ta' Ġunju, 1959, faċċ. 53)*

### 6. IT-TĦIN TAT-TGĦAM

i) **Il-Ħasil.**—Il-bdwi u dawk kollha ta' darhom, sabiex jistgħu jieklu, jaħsbu għall-ħobż li għandu jsir mit-tgħam, diġà maħżun fil-matmura, tgħam li ħadu mill-ħniena t'Alla l-Imbierek u ġabru bil-għaraq ta' ġbinhom.

It-tgħam, darba li daħal id-dar, ma tantx donnu jagħmel minnu l-bidwi; imma martu li tieħu ħsiebu u tiggvernah.

Il-mara ma ddumx ma tibda taħslu, megħjuna mill-bniet uliedha, jekk għandha.

Jieħdu lenbija kbira, jew banju kbir taż-żingu, u jferrgħu fih **daqs tomna, tomnejn u fuqu l-ilma** safi, waħdu. Iħawdu, iħawdu, u dlonk tibda tara telgħin f'wiċċ l-ilma xi farkiet irqaq tat-**tiben**, bċejjeċ tas-sifi, xi qamħiet "maħrufin", żrieragħ tas-sikrana, tal-porvla, tax-xnien, tan-nifel, eċċ. (1).

Wara l-ħasil jiġbru f'qiegħ idejhom kull ma jgħum f'wiċċ **l-ilma, jarmu l-ilma** mniġġes sa lanqas qatra, u fil-qiegħ jibqa' t-tgħam, nadif, sabiħ!

Iferrxu fuq il-bejt, jew fis-setaħ, mifruxin fl-art lożor, u fuqhom iferrgħu t-tgħam imxarrab li jwittuh mal-liżar kollu, u ma jdumx ma jitnixxef bis-sħana tax-xemx taħraq.

Inaddfu sewwa l-lenbija jew banju u jerġgħu jaħslu tgħam ieħor, u mbagħad ieħor, u hekk jibqa' sejjer il-ħasil u l-inxif tat-tgħam. Issa waqt li waħda min-nisa hi medhija fil-ħasil tat-tgħam, oħra toqgħod fuq il-bejt jew fis-setaħ tindokra t-tgħam li qed jinxef, biex ma tħallix l-għasafar tal-bejt jew il-ħamiem inaqqruh, tkeċċihom. U oħra taħsel it-telliesa u tnixxifha wkoll. Jimlew kull **Sakemm tinxef ix-xkora** t-tgħam ikun nixef ukoll. **telliesa bit-tgħam**, maħsul u niexef.

F'kelma waħda, it-tgħam tal-matmura jaħsluh kollu kemm hu fir-rvenja waħda, darba għal dejjem.

ii) **It-Tnaqqija.** — Il-mara tad-dar tieħu mit-tgħam il-ġdid il-mitħna qabda sewwa, daqs kemm taf hi, tibgħatha għat-tħin

---

(1) Żerriegħa tal-pepprin ma hemmx li jarawha f'wiċċ l-ilma, għax billi rqiqa ferm, ittir mat-tiben bir-riħ, waqt it-tidrija.